Il-Vjolenza Domestika: 2025

NR 208/2026 | **Il-Kriminalità** | Data tal-Ħruġ: **16/11/2026**

Il-Punti ewlenin

- Fl-2025, 3,843 persuna rrapportaw li għaddew minn vjolenza domestika jew użaw servizzi li hemm f'dan il-qasam.
- Mill-persuni li għamlu użu minn servizzi għal dawk għaddejjin minn vjolenza domestika, 74.0 fil-mija kienu nisa.
- Matul l-2025, 622 persuna użaw servizzi li hemm għall-aggressuri, li 93.1 fil-mija minnhom kienu rġiel.

Il-Kummentarju

Fl-2025, 3,843 persuna rrappurtaw li ġarrbu vjolenza domestika jew li għamlu użu mis-servizzi li hemm f'dan il-qasam. Minnhom, 74.0 fil-mija kienu nisa.

Fl-2025, ftit inqas minn tliet kwarti tal-persuni li kienu qegħdin jagħmlu użu mis-servizzi ta' għajnuna għall-vjolenza domestika kienu nisa (74.0 fil-mija), filwaqt li 26.0 fil-mija kienu rġiel. Il-biċċa l-kbira tagħhom (55.4 fil-mija) użaw xi servizz minnhom, kien x'kien, darba biss, 23.8 fil-mija użaw servizz wieħed jew aktar għal darbtejn, u 20.8 fil-mija użaw servizz wieħed jew aktar għal tliet darbiet jew aktar. 45.9 fil-mija tan-nisa użaw servizz minnhom, kien x'kien, aktar minn darba, meta mqabblin ma' 40.9 fil-mija tal-irġiel (Tabella nru 1, Ċart nru 1).

Ċart nru 1. L-għadd ta' persuni li rrappurtaw li ġarrbu vjolenza domestika jew li użaw is-servizzi tal-vjolenza domestika, bis-sess



Noti:

1. Iċ-ċifri jirreferu għall-għadd kollu ta' persuni individwali li kienu qegħdin jużaw is-servizzi matul iż-żmien ta' riferenza (ara Tabella nru 1, u noti nri 3 u 6 fil-metodoloġija).
2. Is-Servizzi inklużi: Dar Emmaus, Dar Merħba Bik, Dar Santa Bakhita, it-Taqsima tal-Vjolenza Domestika (DVU) (Aġenzija Appoġġ), is-Servizzi tas-Saħħa tal-Emerġenza (A&E), Għabex, Il-Milja, il-Korp tal-Pulizija, id-Dipartiment tal-Kura Primarja, Victim Support Agency, u Victim Support Malta.

Tabella nru 2 tagħti tagħrif dwar il-każijiet irreġistrati ma' entitajiet li jipprovdu s-servizzi varji f'dan il-qasam. Il-każijiet magħdudin fi ħdan u bejn is-servizzi jistgħu jinvolvu lill-istess persuna għal aktar minn darba. Fl-2025, kienu rreġistrati b'kollox 6,946 każ mal-entitajiet varji li jagħtu s-servizzi lill-persuni li kienu qegħdin iġarrbu l-vjolenza domestika. Fl-2025, bħas-snin ta' qabel, is-servizzi ewlenin użati mill-persuni li kienu qegħdin iġarrbu l-vjolenza domestika kienu t-Taqsima tal-Vjolenza Domestika (DVU) fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ (2,913-il każ reġistrat) u l-Korp tal-Pulizija, li rċieva 2,357 rapport fis-sena ta' riferenza (Tabella nru 2).

Id-distrett tan-Nofsinhar tal-Port irreġistra l-akbar użu tas-servizzi offruti mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika, bi 11.7-il utent tas-servizz mara għal kull 1,000 resident mara u bi 2.8 utenti tas-servizz irġiel għal kull 1,000 resident raġel. Dan id-distrett irreġistra wkoll l-ogħla rata ta' rapporti ta' vjolenza domestika mal-Korp tal-Pulizija, b'9.4 rapporti minn nisa għal kull 1,000 resident mara u bi 3.3 rapporti minn irġiel għal kull 1,000 resident raġel. B'kuntrast, id-distrett t'Għawdex u Kemmuna rrapporta l-iżgħar rati ta' dawk li jużaw is-servizz tal-Aġenzija Appoġġ għal kull 1,000 resident. Kemm id-distrett t'Għawdex u Kemmuna kif ukoll id-distrett tat-Tramuntana tal-Port kellhom l-aktar rati baxxi ta' rapporti ta' vjolenza domestika rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija għal kull 1,000 resident (Mappa 1 u Mappa 2).

Mappa nru 1. L-għadd ta' każijiet individwali rreġistrati mat-Taqsima tal-Vjolenza Domestika tal-Aġenzija Appoġġ, bid-distrett tar-residenza ta' dawk li użaw is-servizz (rata għal kull 1,000 persuna residenti)



Mappa nru 2. L-għadd ta' każijiet individwali rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, bid-distrett tal-inċident (rata għal kull 1,000 persuna residenti)



Noti:

1. Każijiet individwali huma rreġistrati mill-fornitur tas-servizz kull darba li persuna taċċessa s-servizz matul fis-sena ta' riferenza. Għalhekk, iċ-ċifri jinkludu persuni li jagħmlu użu mis-servizzi aktar minn darba.
2. Id-data rreġistrata mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika tal-Aġenzija Appoġġ tinkludi d-distrett ta' residenza tal-utent tas-servizz.
3. Id-data rreġistrata mid-Dipartiment tal-Pulizija tinkludi d-distrett tal-inċident irrappurtat.
4. Ir-rati huma msejsin fuq stimi tal-popolazzjoni ta' nofs is-sena li jistgħu jkunu riveduti.

Ċart nru 2. It-taqsim tal-każijiet individwali rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija u l-entitajiet li jipprovdu s-servizzi, bis-servizz u l-grupp tal-età tal-persuni li esperjenzaw vjolenza domestika



[1] Is-servizzi tas-saħħa jinkludu ċ-ċentri tas-saħħa u l-bereġ tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, u d-dipartimenti tal-emerġenza tal-Isptar Mater Dei u tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

[2] Ix-xelters jinkludu Dar Emmaus, Dar Merħba Bik, Dar Santa Bakhita, Għabex, u Il-Milja. Ara nota nru 1 tal-metodoloġija.

Nota: Każijiet individwali jiġu rreġistrati mill-fornitur tas-servizz kull darba li persuna taċċessa s-servizz matul is-sena ta' riferenza. Għalhekk iċ-ċifri jinkludu persuni li jagħmlu użu mis-servizzi aktar minn darba.

Tabella nru 3 taqsam il-każijiet irreġistrati ma' entitajiet li jipprovdu s-servizzi tal-vjolenza domestika bil-gruppi tal-età ta' dawk li jkunu użaw is-servizz. Fl-2025, 28.5 fil-mija tal-każijiet kollha rreġistrati mas-servizzi varji kienu jinvolvu persuni li kellhom bejn it-30 u d-39 sena, filwaqt li 24.1 fil-mija tal-każijiet kienu jinvolvu persuni ta' 50 sena u aktar (Tabella nru 3, Ċart nru 2).

Il-biċċa l-kbira jew 82.0 fil-mija, kienu jinvolvu persuni ta' nazzjonalità Maltija (Tabella nru 4). Is-servizzi bl-akbar għadd ta' utenti barranin kienu x-xelters tal-vjolenza domestika bi 42.1 fil-mija, u Victim Support Malta b'24.2 fil-mija (Ċart nru 3).

Ċart nru 3. It-taqsim tal-każijiet individwali rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija u l-entitajiet li jipprovdu s-servizzi, biċ-ċittadinanza ta' dawk li kienu qegħdin jużaw is-servizz



[1] Is-servizzi tas-saħħa jinkludu ċ-ċentri tas-saħħa u l-bereġ tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, u d-dipartimenti tal-emerġenza tal-Isptar Mater Dei u tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

[2] Ix-xelters jinkludu Dar Emmaus, Dar Merħba Bik, Dar Santa Bakhita, Għabex u Il-Milja. Ara nota nru 1 fil-metodoloġija.

Nota: Il-każijiet individwali huma rreġistrati mal-entitajiet li jipprovdu s-servizz kull darba li xi ħadd jidħol fis-servizz matul is-sena ta' riferenza. Għaldaqstant, iċ-ċifri jinkludu persuni li jkunu użaw is-servizzi aktar minn darba.

Tabella nru 5 turi t-tipi ta' vjolenza rrapportati f'każijiet irreġistrati mas-servizzi ta' vjolenza domestika, bl-utenti jkunu jistgħu jirrapportaw aktar minn tip wieħed ta' vjolenza, ħlief għal rapporti rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Kważi tliet kwarti tal-każijiet (72.8 fil-mija) irrappurtati mill-fornituri differenti tas-servizzi kienu jinvolvu vjolenza psikoloġika, filwaqt li 45.7 fil-mija kienu jinvolvu vjolenza fiżika. 10.6 fil-mija tal-każijiet kollha rrapportati kienu jinvolvu vjolenza sesswali, ekonomika, u/jew forma oħra ta' vjolenza (Tabella nru 5).

Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tittratta wkoll is-servizzi mmirati lejn l-aggressuri tal-vjolenza domestika. Iċ-ċifri tal-2025 jinkludu l-programm 'Stop!' u s-servizz 'Child to Parent Violence', li t-tnejn li huma mogħtijin mill-Aġenzija Appoġġ, id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, u l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li użaw dawn is-servizzi kienu rġiel, bi 'Stop!', id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, u l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jirreġistraw aktar minn 93 fil-mija tal-utenti tas-servizz tagħhom bħala rġiel. Is-servizz taċ-'Child to Parent Violence' ra l-akbar numru ta' utenti nisa tas-servizz bi ftit anqas minn kwart (21.9 fil-mija). Ħarsa lejn l-għadd waħdani ta' persuni li għamlu użu mis-servizzi mmirati lejn l-aggressuri, kienu x'kienu, turi li 622 individwu użaw servizz wieħed jew aktar matul l-2025 (Tabella nru 6, Ċart nru 4).

Ċart nru 4. It-taqsim tal-persuni li kienu qegħdin jużaw is-servizzi għall-aggressuri, bis-servizz u s-sess



Nota: Iċ-ċifri totali jirrappreżentaw l-għadd ta' persuni individwali rreġistrati fis-servizz rispettiv, u għalhekk, il-persuni li jaċċessaw servizzi differenti jintgħaddu aktar minn darba.

Il-Kriminalità

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Il-Vjolenza Domestika: 2024
Il-Vjolenza Domestika: 2023
L-Omiċidji: 2014-2023
Il-Vjolenza Domestika: 2022
Il-Vjolenza Domestika: 2021

Temi Oħra Relatati

Il-Kundizzjonijiet tal-Għajxien
Il-Popolazzjoni
It-Trasport

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

crime.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula